# Fil-Festa tal-Patruna taż-Żejtun

minn Joe M. Attard

Din il-festa singulari
għandha kollox mill-aħjar;
għiduli min se jgħaddiha
fejn jidħol il-logħob tan-nar!

U għalhekk naħdmu s-sena kollha
biex ikollna festa kbira
għax għalina Katerina
tagħna dejjem hi l-mira.

U matul il-jiem tal-festa
lis-sema nimlew bin-nar –
ġelatina jew tal-bomba
intarrxukom bl-isparar!

Naħarqu il-ġiġġifogu
kif ukoll musketterija
tal-kulur waħda għal waħda
lis-smewwiet  nimlew bid-dija.

Ħin twil ngħaddu biex nobormu
bl-ispag oħxon il-kartun
biex imbagħad il-murtal joħroġ
qisu balla minn kanun.

Meta tibda riesqa l-festa
kanni nħawlu ġol-ħamrija,
b'attenzjoni u mħabba
mingħajr l-ebda frattarija.

Ma nibżgħux mis-sagrifiċċju
li nagħmlu għal Katerina;
il-martirju hija ħadet
biex eżempju ħaj tagħtina

Sabiex bħalha aħna ngħixu
u nterrqu fil-passi tagħha
biex wara dina l-ħajja
fil-Ġenna niltaqgħu magħha.

Hekk kif Ġunju jibda riesaq
qalb iż-Żwieten  bil-ferħ tfur
u madwarek tibda tilmaħ
hena u briju kulfejn tmur.

Ġewwa l-knisja parrokkjali
brazzi, dwal u damask fin,
tridu, kant u noti ħelwa
pjaneti ta' deheb żekkin.

U xi ngħidu għall-istatwa
hekk artistika u sabiħa;

din jonqosha biss il-kelma
din tal-arti opra sħiħa!

Meta l-Ħadd flgħaxija toħroġ
merfugħa fuq l-ispallejn,
O Patruna Katerina
b'dawk is-sbieħ tiegħek l-għajnejn

Itfa' ħarstek fuqna kollha,
aħna li naħdmu in-nar;
bierek ankè lil dawk kollha
illi jieħdu ħsieb l-armar.

Bierek lil raħalna kollu,
tfal, anzjani, żgħażagħ, kbar,
lill-kleru u l-parruċċani
u lill-morda ġol-isptar.

La tinsiex tagħti l-Ġenna
lil Ġużeppi Darmanin –
Saċerdot illi tant ħabbek
u għalik ħa ħafna ħin

Sabiex lil dil-knisja tagħna
jagħniha bl-istatwa tiegħek,
fejn iż-Żwieten il-jum kollu
ifittxu l-kenn ta' driegħek.

Inti ġawhra illi ħarġet
minn idejn Andrea Imbroll -
ma tieqafx is-sena kollha
milli ‘l qlubna dejjem tħoll.

Quddiem Alla tinterċedi
bla dubju inti kull ħin -
wara din il-ħajja hawn isfel
daħħalna mal-qaddisin!